# Kristu jixtieq jidħol f'ħajtek

## Eżerċizzi għalikom il-koppji

minn nhar it-Tnejn 26 ta' Frar sal-Ġimgħa 1 ta' Marzu

Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku

7:00pm

Predikatur: Patri Giovann Tabone MSSP



**Avviżi:**

**MORDA LI JIXTIEQU JITQARBNU:** dawk l-anzjani u morda li ma jistgħux joħorġu mid-dar u jixtiequ jibdew jitqarbnu kull Ġimgħa jew fl-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, huma mitlubin li jibagħtu javżawna fl-Uffiċċju Parrokkjali jew iċemplu fuq 21551649.

**QUDDIESA U ĠABRA GĦALL-MISSJONI:** il-missjunarju Dun Raymond Portelli se jmexxi l-quddiesa tal-5:00pm, nhar is-Sibt 24 ta' Frar. Il-ġabra li ser issir f'din il-quddiesa ser tkun għall-missjoni tiegħu fil-Perù.

**LAQGĦA GĦAR-ROMOL:** irġiel u nisa, nhar **it-Tnejn 26 ta' Frar fis-5:45pm**. Tkun fil-**Mużew il-qadim tal-Bniet**, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard. Min għandu bżonn it-trasport ikellem lil Dun Ġużepp, lil Tonina Sammut jew lil Rita Said.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 1 ta' Marzu fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Tkun filgħaxija wara l-quddiesa tal-5:00pm. Ilkoll mistednin biex nieħdu sehem f'dan il-ħin ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** nhar is-Sibt 2 ta' Marzu, fit-8:15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, bit-tpattija lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd huwa mistieden.

**"Aqra Miegħi"** stejjer u aktar għal tfal minn 0-3 snin - it-Tnejn mill-3:45pm sal-4:45pm

**"Gost il-Qari"** għal tfal minn 6-11-il sena - is-Sibt fil-11:00am.

Post: Dar San Pietru u San Pawl.

**L-EWWEL ĠABRA GĦALL-FESTA MILL-BANDA MNARJA**

Il-Banda Mnarja ser tibda tagħmel l-ewwel ġabra għall-festa li ġejja minn nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Marzu. Huwa importanti li kulħadd jagħti is-sehem tiegħu biex issir festa li tixraq lill-patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Ta' kull sena, il-Banda tħallas il-marċijiet kollha li jsiru fil-festa mit-Tieni Jum tat-Tridu sa nhar il-Festa. Il-ġbir huwa ferm inqas mill-ispejjeż tal-baned fil-festa għalhekk nitolbukom tkunu ġenerużi.

Grazzi bil-quddiem tad-donazzjoni tiegħek.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am